**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 43/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 38/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 28 ta' Awwissu 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emmanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 42/2013

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 42/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 41/2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 42/2013.

## 4. KORRISPONDENZA

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
| --- | --- |
| (i) Gary Doyle – Glass Box Bar<br>Applikazzjonijiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet u ta' attivita' – Band nhar l-1,4,8,11,15,18 & 22 ta' Settembru 2013 f' Misraħ M' Anġ Refalo. | Approvata. |
| (ii) George Sacco – Odyssey Restaurant<br>Applikazzjonijiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet nhar il-31 ta' Awwissu u l-1, 6,7 u 8 ta' Settembru 2013 fil-Menqa. | Approvata. |
| (iii) Awtorita' ta' Malta għat-Turiżmu<br>Għal kunċert mill-Banda tal-Forzi Armata ta' Malta fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Turiżmu nhar is-27/it-28 ta' Settembru 2013 fil-Menqa. | Approvata. |
| (iv) Lino Grima<br>Biex idoqq kitarra<br>nhar ta' Ħamis mit-22 ta' Awwissu sas-26 ta' Settembru 2013 fi Triq il-Port. | Approvata. |

## 5. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

**PROVVEDIMENT U INSTALLAZZJONI TA' POĠĠAMAN TAL-ĦADID *HOT-DIPPED* GALVANIZZAT JEW *STAINLESS STEEL* FI TRIQ SANTA MARIJA U TRIQ IL-QBAJJAR**

Il-Kumitat għażel l-offerta ta' Paul Zammit li kienet l-irħas offerta.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra bl-istima ta' Galea Curmi Engineering biex issir sistema ġdida ta' dwal fil-Qbajjar.

## 6. *WATER CULVERT* – TRIQ IX-XAGĦRA

Il-Kumitat approva li jsir *stormwater culvert* fi Triq ix-Xagħra (stima tal-*culvert* €19,893). Il-Kumitat ftiehem li dan il-*culvert* isir mill-kuntrattur tat-tarmak tal-Kunsill.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Ilment KAM 46/2013 – Carmen & Joe Mifsud**
Talbu biex isiru U-Bars quddiem ir-residenza 24 Triq ir-Rabat. It-talba kienet approvata mill-Kumitat; isiru minn Gam Gam Services.

**Ilment KAM 47/2013 – Lina & Noel Vella**
Issuġġerew li jsir *lift* fi Three Hills Garden minn Triq ix-Xagħra.

**Ilment KAM 48/2013 – Iċ-Chairperson Marija Saliba**
Ipproponiet li jsir sinjal fin-nofs tat-triq f' liwja fi Triq Manwel Magro u jsir *traffic management* fil-pjazzetta ta' Triq il-Forn. Ser issir *site visit* mill-Perit.

**Ilment KAM 49/2013 – Atlantis Diving Centre**
Isir *loading/unloading bay* quddiem Atlantis Diving Centre fi Triq il-Qolla s-Safra. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

**Ilment KAM 50/2013 – Josianne Grech**
Talbet biex isiru *double lines* maġenb Port Mansion Flts fi Triq is-Sajjied (fuq ġewwa tat-triq). It-talba kienet rifjutata.

**Ilment KAM 51/2013 – Marija Callus**
Talbet biex l-i*skip on wheels* ta' maġenb Herbees jitpoġġa quddiem blokka mhux mibnija fi Triq it-Torn. Iċ-Chairperson għandha turi lill-kuntrattur fejn dan l-i*skip* għandu jitqiegħed.

## 8. MATERJA OĦRA

Is-Sur Sacco staqsa, x' kienet ir-raġuni li l-ittra ntbagħtet lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-konok li ngħalqu fuq il-promenade ma ntbagħtitx lill-istampa?
Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet meta l-Kumitat iddeċieda li jibgħat l-ittra lill-Ministeru, ma ttieħdetx deċiżjoni mill-Kumitat li jsir komunikat mal-istampa.

Is-Sindku qal il-Kumitat aħjar jara fiex wasal il-*playing equipment* ta' Three Hills Garden.

Fuq proposta tas-Sur Sacco, il-Kumitat ftiehem li jagħmel talba lill-Ministeru għal Għawdex biex il-festun tad-dawl li hemm fil-*front*, għal żmien il-Milied jiddendel fit-toroq ta' madwar il-knisja.

## 9. <u>AĠĠORNAMENT</u>

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***